**A.L. 124 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

## Regolamenti tal-2011 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa tal-Gamiem u Summien għar-Rebbiegħa 2011)

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, u tar-regolamenti 3 u 5 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa), il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2011 għal Gamiem u Summien). Titolu.

**2.** Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi". Tifsir. L.S. 504.71

**3.** Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kaċċa fuq il-gamiema u s-summiena għas-sena 2011, hawn aktar 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa", għandu jkun mit-13 ta' April sat-30 ta' April, 2011, iż-żewġ dati inklużi. Perjodu tal-kaċċa stabbilit.

**4.** Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jkun skond id-dispożizzjonijiet tal-qafas provdut bir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa). Kaċċa skont il-qafas stipulat. L.S. 504.94

**5.** (1) Il-Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa ta' 2,500 għas-summien u ta' 9,000 għall-gamiem bħala n-numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċati taħt l-awtorità tal-liċenzi kollha maħruġa meħudin flimkien. Kwoti.

(2) Il-Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu kuljum ta' għasfur wieħed (1) u l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu matul l-istaġun tar-Rebbiegħa ta' erba' (4) għasafar għal kull Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa jew kemm, taħt dak in-numru, jistgħu jkunu ġew ikkaċċati qabel ma jkun għalaq l-istaġun

**L.N. 124 of 2011**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

## Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2011 Spring Hunting Season For Turtledove And Quail) Regulations, 2011

IN accordance with the provisions of article 61 of the Environment and Development Planning Act and of regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations, and of regulations 3 and 5 of the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtledove and Quail) Regulations, the Prime Minister has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds Regulations (Declaration on a Derogation for a 2011 Spring Hunting Season for Turtledove and Quail) Regulations, 2011. Citation.

**2.** Terms and expressions used in these regulations, unless the context otherwise requires, shall have the same meaning as given to them in the Conservation of Wild Birds Regulations, hereinafter referred to as "the Wild Birds Regulations". Interpretation. S.L. 504.71

**3.** For the purposes of the second proviso to regulation 10(6) of the Wild Birds Regulations and for the purposes of these regulations the period for the hunting of turtledove and quail for the year 2011, hereinafter in these regulations referred to as "the spring hunting season", shall be from the 13th April to the 30th April, 2011, both dates included. Established hunting period.

**4.** For the purposes of these regulations, the spring hunting season shall be in accordance with the provisons of the framework laid down by the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtledove and Quail) Regulations. Hunting according to set framework. S.L. 504.94

**5.** (1) The Spring Hunting Licence shall set the overall bag limit for the spring hunting season at 2,500 for quail and 9,000 for turtledove as the total number of birds which may be hunted under the authority of all issued licences taken together. Quotas.

(2) The Spring Hunting Licence shall set the daily bag limit to one (1) bird and the spring hunting season's bag limit to four (4) birds

per Spring Hunting Licence or however many below that number might have been hunted before the season closed.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*
Prezz/*Price*
€0.18